29 ta' Marzu 2023
Ħarġa nru. 1

Speech Language SERVICES

# Komunika

## IL-MISSJONI TAGĦNA

Terapisti tal-lingwa u d-diskors magħrufa aħjar bħala speech language pathologists huma professjonisti li jaħdmu biex jipprevjenu, jevalwaw u jidentifikaw firxa vasta ta' diffikultajiet relatati maċ-ċarezza tad-diskors, il-lingwa, il-komunikazzjoni soċjali, kif ukoll problemi relatati mal-ikel kemm fit-tfal kif ukoll fl-adulti. Barra minn hekk il-programmi ta' terapija jiġu mfassla u pprovduti skont il-bżonnijiet tal-klijent. Iż-żieda fl-għarfien ta' dan kollu hija wkoll ċavetta importanti. Hekk ukoll hija important l-edukazzjoni li tingħata lill-ġenituri/gwardjani u l-edukaturi biex niżguraw kollaborazzjoni xierqa.

Is-servizz tat-terapija tal-lingwa f'Malta ilu jestendi fl-iskejjel tal-istat għal dawn l-aħħar snin u hemm numru tajjeb ta' skejjel li għandhom dan is-servizz offrut fi ħdan l-iskola stess. Din is-sistema tippermetti kollaborazzjoni aktar b'saħħita bejn il-kura tas-saħħa tat-tfal u s-sistema edukattiva. B'dan il-mod l-edukaturi u l-istaff tal-iskola jistgħu jiġu milħuqa faċilment biex hekk niżguraw l-aħjar terapija għal kull abilita` meħtieġa ta' kull tifel u tifla li qed isibu diffikulta`.



FUQ ĠEWWA

L-Iżvilupp tal-lingwa fi Tfal ta' bejn it-tlieta u erba' snin …..……………..………...…..2
Kif tista' tgħin………….……2
Bilingwiżmu fl-ewwel snin………………………….3
Fatti u Miti…..……….…...…4
Riżorsi Onlajn………………5
Taħriġ………...……….….….6



## L-IŻVILUPP TAL-LINGWA FI TFAL TA’ BEJN IT-TLIETA U ERBA’ SNIN

Għalkemm l-iżvilupp normali fih innifsu jvarja huwa ideali li jkollok idea ta’ x’inhu mistenni li jkunu jafu tfal ta’ 3 u 4 snin f’termini ta’ ħiliet ta’ komunikazzjoni, billi din hija l-età li huma wkoll jibdew is-snin tal-kindergarten.

Sa dan iż-żmien, it-tfal ikunu tgħallmu ħafna vokabolarju ġdid mill-ambjent ta’ madwarhom. Dan isir billi jibdew joqogħdu attenti għad-diskors li jingħad fil-preżenza tagħhom, il-kuntest innifsu jew rakkonti ta’ stejjer. Madankollu t-tfal ikomplu jitgħallmu kliem ġdid u għalhekk jibdew jagħmlu użu minn sentenzi aktar kumplessi minflok jesprimu ruħhom fi frażijiet ta’ kelma waħda jew tnejn (ASHA,n.d.)

*“It-tfal jibdew jipperċepixxu d-dinja mhux biss minn għajnejhom imma wkoll permezz tad-diskors ”- Lev Vygotsky*

### KIF TISTA’ TGĦIN

- Aqra stejjer sempliċi
- Irreċta stejjer permezz ta’ role play
- Involvi t-tfal f'attivitajiet ta’ kuljum
- Ħares u tkellem fuq l-istampi li tkunu qed taraw
- Esponihom għal firxa vasta ta’ vokabularju
- Oħloq opportunitajiet ta’ logħob simboliku
- Naqqas il-ħin tal-iskrin (televixin eċċ)

(The SLP solution n.d.)

F'din l-età t-tfal jibdew jirrakkuntaw stejjer qosra billi jiffukaw l-aktar fuq il-bidu u t-tmiem. Madankollu xorta jkollhom bżonn għajnuna biex jitgħallmu jirrakkontaw b'mod dettaljat u f'sekwenza tajba. Jibdew ukoll konverżazzjonijiet żgħar u t-tfal jibdew ikunu aktar astratti fl-mistoqsijiet tagħhom. Barra minhekk, ta’ erba’ snin iċ-ċarezza tad-diskors tkun kważi żviluppat għalkollox. L-ikar l-iktar ikun għad baqa’ l-ħoss ta’ / r / li jista' jkun għadu qed jiġi żviluppat.

F’termini ta’ lingwa mifhuma t-tfal jistgħu jifhmu istruzzjonijiet qosra, speċjalment meta l-vokabolarju użat ikun familjari u dan jgħinhom jibdew jifhmu sentenzi kemxejn aktar kumplessi. Wieħed għandu jikkunsidra l-kuntest li fih tkun qed tingħata l-istruzzjoni għaliex dan jgħin biex il-kliem użat f’dak il-mument jiġi mifum (ASHA, n.d. & Raising Children Netwrok, 2017)






*Il-Kelma bonġu bl-lingwi differenti!*

## BILINGWIŻMU FL-EWWEL SNIN

### X'INHU BILINGWIŻMU?

It-tfal jistgħu jitgħallmu jitkellmu aktar minn lingwa waħda f'daqqa. Il-lingwa dominanti tkun dik li t-tfal l-iktar għalkemm din tista' tinbidel maż-żmien. Ir-riċerka turi li l-bilingwiżmu jħalli impatt pożittiv fuq l-iżvilupp lingwistiku u edukattiv tat-tfal peress li jippermetti aktar flessibilità. Dan jiġri peress li jkollhom bżonn jipproċessaw l-informazzjoni permezz ta' żewġ lingwi differenti. Malta huwa pajjiż bilingwu u l-edukazzjoni bilingwa qed tingħata wkoll fi ħdan l-ambjent skolastiku, u dan l-aħħar qed naraw żieda fid-diversità tal-lingwi fil-klassijiet tal-kindergarten. Dan jista' jservi mhux biss bħala għodda kulturali b'saħħitha iżda wkoll bħala riżorsa lingwistika (New Jersey Speech-Language Hearing Association, n.d.).

### KIF WIEĦED JIKKOMUNIKA MAT-TFAL

It-tagħlim tat-tieni lingwa ma jikkawżax problemi fl-iżvilupp tal-lingwa. Huwa ideali li tkellem lit-tifel/tifla tiegħek bil-lingwa li taf l-aħjar għax b'dan il-mod tista' tipprovdi l-aħjar mudell tal-lingwa mitkellma. It-tfal xorta jistgħu jitgħallmu lingwa oħra minn kuntesti oħrajn bħall-iskola. Għalhekk bħala ġenitur tkun qed tipprovdi l-kapaċitajiet meħtieġa biex tappoġġja t-tagħlim tal-ewwel lingwa sabiex tibda tiżviluppa t-tieni waħda (New Jersey Speech-Language Hearing Association, n.d.).






## IL-BILINGWIŻMU




- Jekk tifel jew tifla għandhom problema fl-iżvilupp tal-lingwa din tidher fiż-żewġ lingwi u mhux f'waħda biss.
- Ma jimpurtax jekk it-tfal iħalltu r-regoli tal-grammatika minn żmien għal żmien u jużaw kliem miż-żewġ lingwi fl-istess sentenza. Pero` huwa importanti li dejjem tipprovdi l-mudell it-tajjeb biex tgħin lit-tfal jisseparaw bejn il-lingwi.
- Għalkemm huwa ideali li t-tfal jitgħallmu l-lingwi f'età żgħira, tfal akbar u adulti jistgħu jitgħallmu lingwi oħra wkoll.
- Hemm livelli differenti ta' bilingwiżmu. Jista' jkun li dejjem ikollok lingwa dominanti pero` din tista' wkoll tinbidel maż-żmien skont kemm tintuża l-lingwa (New Jersey Speech-Language Hearing Association, n.d.).

---

*"Lingwa oħra tagħtik ruħ ġdida " - Charlemagne*

---




- It-tagħlim ta' aktar minn lingwa waħda jikkawża konfużjoni u/ jew dewmien fl-iżvilupp.
- Ġenituri ta' tfal li jesperjenzaw dewmien jew diżordni għandhom jitkellmu ma' wliedhom fl'lingwa waħda biss.
- L-ewwel it-tfal għandhom jitgħallmu lingwa waħda sħiħs sabiex jibdew jitgħallmu t-tieni lingwa tagħhom.
- Tfal b'dewmien/diżordni tal-lingwa jkollhom diffikultà biex jitgħallmu t-tieni lingwa tagħhom.
- Jekk it-tfal ma jitgħallmux it-tieni lingwa tagħhom meta jkunu żgħar, qatt ma jkunu fluwenti.
- Jekk it-tfal mhumiex kompletament fluwenti fiż-żewġ lingwi, mhumiex verament bilingwi (New Jersey Speech-Language Hearing Association, n.d.).

## RIŻORSI ONLINE




Bit-tfal wieħed irid ikun kreattiv biex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni, isostni l-attenzjoni u jinkoraġġixxi t-tagħlim. Hawnhekk hawn ftit ħoloq mimlija riżorsi li wieħed jista' jsib utili u jagħmel użu minnhom.

https://www.sparklebox.co.uk/

https://www.twinkl.com.mt/

https://sheppardlibrary.org/childrens_library/uniteforliteracy

https://www.speechandlanguagekids.com/free-materials/

---

*"It-teknoloġija mhix se tieħu post għalliema tajba iżda t-teknoloġija f'idejn għalliema tajba tista' tkun trasformattiva".- George Coures*

---

## LOGĦOB ONLINE




Il-lista t'hawn taħt tinkludi ħoloq ta' logħob online li jista` jintużaw biex wieħed ikompli jistimula t-tagħlim tal-lingwa fit-tfal. Dawn huma aktar interattivi u ta' gost.

https://www.education.com/game/sorting-zoo/

https://www.abcya.com/games/pizza

https://www.abcya.com/games/make_a_cake



## TAĦRIĠ OFFRUT MIĊ-ĊENTRU TAD-DISKORS U L-LINGWA

Iċ-Ċentru tagħna tad-Diskors u l-Lingwa joffri sors ta' taħriġ matul is-sena. Fit-tabella t'hawn taħt tista' ssib il-lista ta' korsijiet qosra li jistgħu jsiru jekk mitlub.

-Facilitating Language through Play

-Visual Aids & Social Stories

-ASD One Step at a Time

-Social Communication Skills

-Key Word Signing

-Ready Steady Read

-Supporting children with ASD in the classroom

-ASD Apps for Tablets

-Taking Care of your Voice for School Educators

F'każ ta' interess, wieħed huwa mitlub li juri l-interes għall-kors fuq dan l-indirzz eletroniku **marc.frendo@gov.mt**. Huwa mitlub li jiġi identifikat l-post ta' fejn hu mix-tieq li l-kors isir kif ukoll in-numru ta' persuni nteressati.

## REFERENZI


American Speech-Language-Hearing Association (ASHA) (n.d) 3 to 4 Years. https://www.asha.org/public/speech/development/34/

American Academy of Pediatrics and American Speech-Language-Hearing Association (2017, 19th May) 7 Myths and facts about bilingual children learning language https://www.healthychildren.org/English/ages-stages/gradeschool/school/Pages/7-Myths-Facts-Bilingual-Children- Learning-Language.aspx

American Speech-Language-Hearing Association (ASHA) (n.d) American speech-language pathologists: About speech-language therapyhttps://www.asha.org/students/speech-language-pathologists/

American Speech-Language-Hearing Association (ASHA) (n.d.) Speech and language services in schools https://www.asha.org/public/speech/development/speech-and-language-services-in-schools/

New Jersey Speech-Language-Hearing Association (n.d) Facts and myths about bilingual speech and Language Development https://www.njsha.org/wp-content/uploads/MIC-Brochure-19.pdf

Raising Children Network (Australia) (2021, 17th February) Language development: 3-4 years https://raisingchildren.net.au/preschoolers/development/language-development/language-3-4-years

The SLP Solution (n.d) 3 year old speech and language skills https://www.speechandlanguagekids.com/what-speech-and-language-skills-should-my-3-year-old-have/



*Speech and Language Centre, Triq Florence Nightingale Luqa , Malta, Ħal-Luqa 3301*